22003D0060



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 60/2003

## tas-16 ta' Mejju 2003

## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2003 tal-31 ta' Jannar 2003 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1991/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2002 li temenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 18a (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98) ta' l-Anness XXI tal-Ftehim:

", kif ġie emendat permezz ta':

– **32002 R 1991**: Regolament (KE) Nru 1991/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2002 (ĠU L 308, tad-9.11.2002, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1991/2002 fl-ilsna ta' l-Islanda u n-Norveġja, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, kemm il-darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) in-Norveġja għandha tapplika l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva mit-23 ta' Diċembru 2003.

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 76.
([2]) ĠU L 308, tad-9.11.2002, p. 1.
(*) Il-kondizzjonijiet kostituzzjonali meħtieġa huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ZEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND